b'ċerti dispożizzjonijiet testamentarji li għandhom juru l-qalb ġeneruża ta' dan il-bniedem benefattur, ħwejjeġ li bħalissa jeħtieġ li jinżammu segrieti.

Bix-xogħol kollu li bih kien imgħobbi fil-ħajja kummerċjali tiegħu, huwa kien isib iż-żmien għal xi ħidma ta' ġid fis-soċjetà pubblika, u, billi kellu qima għall-qawl Malti li jgħid "min jikriha joqgħod għaliha", kien bir-reqqa kollha jagħmel dmiru f'kull karika privata li jkun indaħal għaliha; għalhekk kont tarah b'sagrifiċċji kbar ta' l-interessi privati tiegħu, jaqdiha bl-akbar ħeġġa u ħerqa, fost dawn ta' min isemmi x-xogħol tiegħu fil-karika li kellu ta' Segretarju ta' l-"Overseas Club" u ta' Membru tal-Kunsill ta' l-Università", maħtur mill-Gvernatur innifsu.

Barra minn hekk, kif hemm imsemmi fl-editorjal ta' din il-ħarġa ta' "IL-MALTI", is-Sur Ugo, ma naqasx li jimxi mal-ġibda tradizzjonali għall-Malti, li nsibu fil-familja tiegħu, u għalhekk, kif sewwa ta' ġid f'intrapriżi privati oħra, ma baqax lura li ma jurix l-interess tiegħu wkoll għall-qawmien u progress tal-Ilsien Malti, li tiegħu, Missieru, kien wieħed mill-aqwa pajunieri fis-seklu li għadda. Lis-Sur Ugo nsibuh, għalhekk, imsieħeb ma' ħutu, Gino u Ivo, fil-ħidma tal-moviment il-ġdid għall-Malti taħt it-tmexxija tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, li tagħha Missierhom kien l-ewwel President, billi ndaħal biex ikun wieħed mill-Membri fil-Kummissjoni tal-*Għoti tal-Medalja* "Ġużè Muscat Azzopardi", kif ukoll billi ndaħal sabiex bil-ġenerożità tiegħu din il-Għaqda jkollha d-Dar tagħha fejn il-membri tagħha jkunu jistgħu jagħmlu l-laqgħat tagħhom.

Bil-mewt tiegħu, sew is-soċjetà kemm b'mod partikulari l-Għaqda, tilfu ċittadin Malti fil-veru sens tal-kelma, patrijott, ħabib u benefattur tal-qalb, li ismu ma għandux jintesa hekk malajr, kif ma ntsewx figuri oħra bħalu li bil-ħidma tagħhom kienu ta' ġid u ġieħ għal Malta u għall-isem Malti.

## GĦALL-LIBRERIJA TAL-"GĦAQDA"

Billi beħsiebna ngħaqqdu kollezzjoni sħiħa ta' "IL-MALTI" kollu u mill-1925 'l hawn, xtaqna jonqsuna xi numri minn dawk li s'issa ħarġu nitolbu lill-membri u msieħbin f'"IL-MALTI" sabiex jekk għandhom xi numri doppji jew żejda jagħtuhom għal-Librerija tal-"Għaqda".

Wieħed mill-membri qodma, li ma jixtieqx jissemma, għoġbu jirregalalna kotba illegati ta' "IL-MALTI" mill-1925 sa l-1937, u hekk nittamaw li ħaddieħor fuq l-eżempju ta' dan id-donatur ikun hekk ġeneruż li jibgħat in-numri doppji li għandu lill-Viċi President, li hu hu wkoll l-arkivista tal-Librerija tal-"Għaqda". Min irid dawn il-kopji jista' wkoll jikkunsinnahom lis-Sur Victor Apap, il-Kaxxier (Stamperija tal-Gvern).

Il-kopji ta' "IL-MALTI" li jonqsuna huma tas-snin 1940, 1941 (Settembru, Diċembru), 1942 u 1943.

## AVVIŻ

KTIEB ĊKEJKEN ta' TMIEN ĦREJJEF U ĊAJT ta' Temi Zammit. Jinbiegħ 6d. għand il-Librar A.C. Aquilina & Co., Triq ir-Rjali (kantuniera ma' Triq l Arċisqof), il-Belt.



# IL-WARDA TAR RUŻARJU

*Ta'* V. BARBARA

IL-KAMRA l-kbira kienet imdawla mill-isbaħ. Mad-dawra kollha tagħha, xi ħamsin fanal tal-karta minn kull lewn, b'bozza ċkejkna tal-batteriji ġo kull wieħed minnhom, kienu jixħtu dawl artab fuq il-ġeġwiġija ta' karti msallbin mas-saqaf, fuq iż-żewġ imwejjed tawwalin minsuba fi truf il-kamra, fuq l-uċuh ferħana ta' żgħażagħ u kbar li kienu miġburin madwarhom. Kont taħsbu l-Milied.

Dak in-nhar ta' l-ewwel Ħadd ta' Ottubru lil Rosie ħabtulha tliet festi f'daqqa : il-festa t'isimha għall-Madonna tar-Rużarju, dik ta' għeluq it-tmintax-il sena tagħha, u l-oħra, l-aqwa waħda għaliha, tal-għerusija tagħha ma' Lou. Ommha kienet ilha xi ġimgħa taħseb u tħejji biex tagħmel festa kif imiss lil bintha l-kbira. Il-jum ta' qabel, Lou u Bertu, ħu Rosie, kienu tħabtu bis-sħiħ biex iżejnu l-kamra bid-dwal u l-karti, u meta filgħaxija, għajjenin bit-tqandil tas-slielem, xegħlu kullimkien biex jaraw x'dehra kellha tieħu l-kamra l-għada wara nofs in-nhar, tbissima hienja dehret fuq xofftejhom u marru jieħdu b'id xulxin biex bħallikieku wieħed jifraħ lill-ieħor għax-xogħol li kien għamel.

Kienet tassew festa li tixraq lil tfajla ta' qalbha tad-deheb bħalma kienet Rosie. Il-ferħ tagħha kien jidher f'għajnejha kbar u suwed, fit-tbissima ta' xofftejha lewn il-qrolla, fil-kliem ħelu li kien joħroġ minn fommha hija u tilqa' lill-mistednin. Ħadd minnhom ma kien naqasha, għax Rosie kienet tabilħaqq maħbuba. Bil-qiegħda fir-ras ta' waħda mill-imwejjed, mistura f'libsa bajda u twila sa wiċċ riġlejha, imdawra bi sħabha li bi ftehim bejniethom kienu ġew ilkoll libsin roża, kont taħsibha xi anġlu fuq sħaba fi nżul ix-xemx. Minflok ġiżirana tad-deheb kellha f'għonqha l-kuruna tar-Rużarju msensla bil-fidda, biż-żibeġ tal-madriperla u s-salib tad-deheb li kien taha Lou fil-għodu; u meħmuża mal-labra ta' fuq sidirha kellha waħda mill-ward li tbierek fil-quddiesa l-kbira ta' dak in-nhar fil-knisja tad-Dumnikani.

Kienu ilhom aktar minn siegħa miġbura madwar l-imwejjed tat-te; il-ħlewwiet li kien hemm tista' tgħid kollha kienu għostfru fost iċ-ċajt u d-daħk hieni tal-mistednin kollha, l-aktar iż-żgħażagħ. Min kien faħħar iċ-ċurkett tad-djamanti li Lou ta lil